# *ANTOLOGIJA*

---

## IL-PINNA U L-KLAMAR

(Prof. Don G. Vassallo)

Qalet, lejla waħda, il-Pinna
Lil Klamâr :—Eluf ta' snin,
Qegħda ngħid, bejni u bejn ruħi,
Aħna ilna miżżewġin.

U kemm għandna tfal!...Hemm tajjeb
Illi ħobż ma jitolbux ;
Għaliex, kieku kienu jieklu,
Kieku żgur ma ninqalgħux.

—X'inti tgħid, il-Klamâr qallha ;
X'inti taqla, il-lejla, x'int ?...
—Kif qaltlu : kemm hawn kotba,
Ommhom jien, Missierhom int !

U kemm huma sbieħ uliedna !
U kemm jafu ħwejjeġ!...kemm !
It-tfal tagħna, għorrief kollha,
Ma jħallux il-Għerf jintemm !

Tixtieq taf kif bdiet id-dinja ?...
U x'sar fl-ibgħad żmenijiet ?...
Kemm li miet hilu l-Imħammet ?...
Kif jitqassmu l-artijiet !...

Trid taf kemm hu għali is-sema ?...
Fond il-baħar ?...kbira l-art ?
Għax jiġġieldu ix-xemx u l-qamar ?
Mniex il-għomma ?...mnejn il-bart ?...

Jew kif għandek tgħix fid-dinja ?...
Jew (jekk int) ma tibqax fqir ?...
Sa fejn jasal moħħ il-bniedem ?...
Jew il-brandi kif isir ?...

Jew...x'naf jiena !...Kollox, kollox,
Igħidulek, u malajr,
B'ilsna qodma, bl'ilsna ġodod,
Bil-latin, bil-grieg, bil-qwajr.

—X'jaqta lsienek, Alla jbierek!
(Ħabat jisħon il-Klamar):
Isbaħ x'hemm mn'ulied il-Kokka?
Jien missier, ma nara ċar.

Kollha sbieħ! kollha għorrief!...
Iva, Pinn... tajjbin il-koll!
Ħilek int tinfixel bl-oħxon,
U hekk infxilt il-lejla wkoll!

Għandna x'erba' galantomi,
Li, tassew, jagħmlulna unur;
Imma, bona grazzja tiegħek,
L-aqwa fosthom mhux sigur!

Għandna iz-zopop, għandna l-għomi,
Għandna il-muti u it-turxien;
Għandna wkoll il-boloħ sewwa,
Li mnejn ħargu, ma nafx jien!

Għandna mbagħad, partita oħra,
Ill'igħidu ftit, jew xejn;
Għandn'oħrajn li jtawwlu qamar,
Dak li tista' tgħid f'sagħtejn!

Jekk trid int titħaddet sewwa,
Il wisq minnhom tfaħħarhomx;
Jekk mbagħd, trid tħobbhom, ħobbhom!
Jien, għalija, ma nħobbhomx!

Kien hemm, darba, Sultan għarbi,
(Da' mn'uliedna nafu jien)
Li sab ġemgħa tfal minn tagħna,
U xeħithom ġon-nirien.

Xi ħadd għela; u kallu: "Sidi,
Għala, Sidi?...maħruqin?"
Is-Sultan refagħlu spalltu:
"Ħija," wieġbu, "*battalin!*"

X'għaqal kellu dak il-Għarbi!
Il-battal jixħtu fin-nar.
Illi tfal kelln'aħna inqas.
Kieku id-dinja tmur aħjar.

Xejn tinkorla!...xejn la tagħdab!...
X'fhimt li huma da t-tfal tiegħek?...
Jiġi waqt, Mulej aħfirli,
Nidgħi is-siegħa li ltqajt miegħek!